KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

| **Ref: Seduta 13#21/02/07/V** |
|---|

# MINUTI TAT-TLETTAX IL-SEDUTA

**It-tlettax il seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 21 ta' Frar, 2007** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi-Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono A&CE**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Deputat Segretarju :** | **Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-4.30pm b'din l-agenda:

1. **Qari u Approvazzjoni ta' Minuti**
2. **Materji konessi mal-Minuti**
3. **Komunikazzjonijiet (korrispondenza u ħlas ta' pagamenti)**
4. **Komunikazzjonijiet/mistoqsijiet lis-Sindku/Deputat Segretarju Eżekuttiv**
5. **Deċiżjoni għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**
6. **Parkeġġ għar-residenti (RPZ)**
7. **Proġġett f'Tas-Sliema bl-għajnuna tal-MTA**
8. **Approvazzjoni ta' *bye-laws* dwar *catering establishments***
9. **Affarijiet Oħra**

## 1.Qari u approvazzjoni tal-minuti ta' l-aħħar seduta

Il-Minuti ta' l-aħħar seduta ġew meħuda bħala moqrija u approvati.

## 2. Materji konessi mal-Minuti

2.1 Is-Sindku infurmat li kienet qegħda tirċievi diversi ilmenti dwar it-tibdil tal-ħin tat-trasport ċirkolari (*Item 5 ta' l-aħħar seduta*). Il-Kunsill iddeċieda li terġa tinżamm ir-rotta tan-12.30pm. Il-ħinijiet ta' dan it-trasport se jkunu kif ġej:



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 04 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

| Fix-Xitwa (1 t'Ottubru sa 31 ta' Mejju) | Fis-Sajf (1 ta' Ġunju sa 30 ta' Settembru) |
|---|---|
| 0830 | 0900 |
| 0930 | 1130 |
| 1230 | 1230 |
| 1430 | 2000 |
| 1830 | 2300 |

Madankollu l-ħinijiet u r-rotta jistgħu jinbiddlu għall-konvenjenza tar-residenti b'mod raġonevoli.

Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis irrimarka dwar il-punt 5.1 ta' l-aħħar seduta fejn qal li l-Kunsill irċieva iżjed dettalji dwar il-karozza ċirkolari. Il-Kunsill għandu jipprepera l-*ispecifications* u jibgħathom il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent sabiex tkun tista tinxtara din il-vettura.

L-*ispecifications* huma dawn:

1. Aċċessibbli għal persuni b'diżabilita' u għall-anzjani
2. Vettura ambjentali li tkun ta' l-elettriku (*bl-ewwel preferenza*) jew bio diesel *(bit-tieni preferenza)*
3. Tkun addatata li tkun tista tgħaddi mit-toroq ta' Tas-Sliema
4. Ikollha tabella li tindika li s-servizz provdut huwa mill-Kunsill Lokali Sliema.

2.2 Il-kunsillier J. Galea staqsa jekk tneħħewx il-linji ta' quddiem il-garaxx fi Triq Depiro. Is-Sindku M. Arrigo infurmat li għada ma rċivietx risposta mill-ADT. Il-Kunsill qabel li għandhom jitneħħew.

Fuq dan il-punt is-Sindku rrimarkat li dwar il-garaxxijiet, il-pulizijia infurmat li la darba l-garaxx għandu post vojt għal karozza u l-garaxx ma jintużax bħala *store*, il-linji għandhom jingħataw xorta, minkejja dak li jkun ma jdaħħalx il-vettura.

2.3 Dwar il-punt 3.5 ta' l-aħħar seduta, is-Sindku infurmat li għandha *email* mill-Ispettur M. Spiteri fejn qal li l-*generator* li jintuża għal *Stella Maris Butcher* jintuża meta jinqata d-dawl u huwa bżonnjuż minħabba l-kwantita ta' laħam li jkollu. Madankollu, sid il-ħanut ġie avżat mill-pulizijia li m'għandux iqabbad dan il-*generator* bla bżonn biex ma joħloqx inkonvenjenza għar-residenti.

2.4 Dwar il-punt 4.6 ta' l-aħħar seduta, il-kunsillier M. Briguglio staqsa jekk intbgħatitx *l-objection* għall-iżvilupp tad-djar fi Triq Katidral u Triq Tonna. Id-deputat segretarja għandha tivverifika dwar dan.

2.5 Dwar l-bycicles (*punt 4.2 ta' l-aħħar seduta*) id-deputat segretarju ġiet infurmata mill-avukat tal-Kunsill, li huwa tajjeb li l-pulizija tagħmel ir-ronda tagħha sabiex jaraw il-mod kif isuqu matul il-promenade. Madankollu kulħadd huwa responsabbli għall-għaġir tiegħu. L-avukat għandu jinfurmana bil-miktub ukoll.

*(Fil-4.45pm daħal il-kunsillier N. Dimech)*

2.6 Il-kunsillier M. Debono staqsa dwar l-ammont ta' metri kwadri tal-permessi ta' l-imwejjed u s-siġġijiet li għandu jkollhom ir-restaurants. Is-Sindku għandha tkellem lis-Sur Anthony Catania ta' Dipartiment ta' l-Artijiet.

2.7 Id-deputat segretarja infurmat lill-kunsillier M. Briguglio li ż-żewġ bollards ta' Qui-Si-Sana ġew ordnati (*punt 4.7 ta' l-aħħar seduta*).

2.8 Id-deputat segretarja qassmet notamenti lill-kunsilliera preżenti li ttieħdu fil-laqgħa li saret mar-residenti dwar il-*bring-in-sites* fi Triq Blanche Huber, nhar l-1 ta' Frar, 2007 (*punt 4.12 ta' l-aħħar seduta).*

Is-Sindku infurmat li kellna diversi ilmenti mir-residenti, mill-Iskola Primarja, mill-Foundation For Tomorrow School, li dawn m''għandhomx jitpoġġew fejn l-iskola. Infurmat ukoll li ġie l-Ministru ta' l-Edukazzjoni Louis Galea fuq dan ir-rigward ukoll. Il-kunsilliera M. Aquilina rrimarkat dwar il-periklu li għad hemm fejn l-iskola u biex il-Kunsill għandu jagħmel pressjoni aktar sabiex ix-xogħol isir

minnufih. Is-Sindku wieġbet li qegħda tikkomunika kuljum mal-WasteServ saħansittra ltaqgħet mac-Chairperson is-Sur De Giorgio u mas-Sur Chris Ciantar. Id-deputat segretarju ppreżentat id-diversi *emails* li ntbagħtu. Is-Sindku nfurmat ukoll li sakemm isir dan ix-xogħol meħtieġ il-ħaddiema tal-Kunsill poġġew xi barriers biex nevitaw ftit periklu.

Dwar il-*bring in sites* ta' Triq Manwel Dimech (taħt il-bridge) id-deputat segretarja fakkret li kienet ċemplet lill-kunsilliera kollha fejn infurmat li l-Wasteserv qallu li se jpoġġuhom fis-17 ta' Frar, 2007. Madankollu, inqrat ittra mill-Wasteserv fejn infurmaw li għalissa dawn għadhom ma tpoġġewx.

Fuq dan il-punt id-deputat segretarja infurmat li l-Ministru George Pullicino talab laqgħa mas-Sindku dwar it-tmien *bring-in-sites* li jridu jitpoġġew ġewwa Tas-Sliema. Dawn huma s-siti li ġew imsemmija:

1. Tigne` (fejn il-Holiday Inn)
2. Ix-Xatt (ġewwa l-carpark)
3. Manwel Dimech (fejn l-għassa) *din hemm ħsieb li tiġi underground*
4. Triq Rudolfu (fejn il-Lukanda Imperial) *din hemm ħsieb li tiġi underground*
5. Exiles (taħt it-Torri)
6. Triq it-Torri (fejn il-karmelitani)
7. Triq it-Torri (fejn il-gelateria/Tower Palace) *din hemm ħsieb li tiġi underground*
8. Qui-si-Sana (li diġa qegħdin hemm)

Il-Kunsill qabel ma' dawn is-siti, madankollu rrimarka dwar dik ta' fejn il-Lukanda Imperial li hija privata.

*(Fil-5.15pm daħlet il-kunsilliera M. Azzopardi)*

2.9 Il-kunsillier N. Dimech staqsa dwar l-ittra li kellu jagħmel il-Kunsill għal meta resident ikun se jwaqqa u jagħmel xi żvilupp ta' kostruzzjoni. Id-deputat għaddiet il-kopja ta' din id-*draft* li saret mill-avukat. Il-Kunsill qabel ma dan. 'Doc anness'

Fuq dan il-punt il-kunsillier M. Debono infurma lill-Kunsill bid-*draft* li għamel għal kostruzzjoni din id-darba għall-kuntratturi. (Doc anness). Il-Kunsill qabel ma dawn il-punti u żied li għandu jkun hemm ukoll:

1. *Administration fee* ta' Lm25
2. Risponsabbilta` għal *claims* li jidħlu fl-uffiċċju tal-Kunsill sakemm tittranġa l-ħsara ta' quddiem sit partikolari.

2.10 Dwar it-*tender* għal xiri ta' van għall-Kunsill (*punt 4.5 ta' l-aħħar seduta*) id-deputat segretarju infurmat li ma kienx hemm min applika għal din it-*tender*. Infurmat ukoll li skond il-proċedura, l-Kunsill kellu jerġa jsejjaħ għall-applikazzjonijiet. Id-data tal-ftuħ tat-tenders hija nhar id-9 ta' Marzu, 2007 f'nofs in-nhar.

Dwar l-applikazzjonijiet ta' l-editur għal magazine 'Tas-Sliema', id-deputat segretarju infurmat li ż-żewġ applikanti huma:

| | |
|---|---|
| *Is-Sur Stephen Buhagiar* | *Lm150 vat inkluż għal kull ħarġa* |
| *Is-Sur Tonio Farrugia* | *Lm531 vat inkluż għal kull ħarġa* |

Fuq dan il-punt is-Sindku M. Arrigo talbet biex tibqa barra minn kull diskussjoni u deċiżjoni dwar dan minħabba li wieħed mill-applikanti jaħdem mal-kumpanija privata tagħha. Il-Kunsill qabel ma dan.

Minħabba d-differenza tal-prezz u li m'hemmx deskrizzjoni tax-xogħol u informazzjoni dwar l-esperjenza, il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi lis-Segretarju Eżekuttiv jekk jixtieqx joqgħod bħala l-editur ta' dan il-magazine.

**3. Komunikazzjonijiet (korrispondenza u ħlas ta' pagamenti)**

3.1 Id-deputat segretarju ppreżentat notamenti li ttieħdu fil-laqgħa li saret ma' Polidano Bros it-Tlieta 13 ta' Frar, 2007 dwar il-ħlasijiet. Ma' dawn in-notamenti ġew ippreżentati figuri fejn ġew spjegati mill-

*accountant* tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandhom jinħellsu *r-retention fees* l-antiki minbarra ta' Triq Għar id-Dud minħabba li għad fadal jiġu rranġati xi krakkjaturi. Id-deputat segretarja infurmat li rigward ċekkijiet bin-numri 8448, 8449, 8450 f'isem Polidano Bros, se jitħallsu meta jkollna rapport mill-Perit Bezzina.

Fuq dan il-punt is-Sindku rrimarkat, li rigward ix-xogħlijiet li qegħdin jiġu rranġati minn Polidano Bros, il-perit li għandha bħalissa jista jirrakomanda li sar ix-xogħol iżda ma jistax jiċċertifika minħabba li dan ix-xogħol kien diġa ċċertifikat mill-Perit Spiteri. Il-Kunsill qabel ma dan.

Kien hemm diversi komunikazzjonijiet bejn il-Kunsill u Polidano Bros dwar id-differenza ta' ammont ta' flus li ż-żewġ partijiet mhux qegħdin jaqblu. F'din il-laqgħa tat-13 ta' Frar, 2007 ġie ssuġġeriet li sabiex inkunu nistgħu nsolvu din il-problema l-ammont jinqassam bejn it-tnejn. Il-Kunsill qabel ma dan.

Fuq dan il-punt id-deputat segretarja infurmat lill-Kunsill li *t-tender* tar-*Road Resurfacing* u ta' Bankini li bħalissa huma ma' Polidano Bros, għalaq fi Frar, 2007. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġġeddu għal xagħrejn sakemm joħorġu applikazzjonijiet ġodda. Il-Kunsill qabel ukoll li *t-tender* għandu jkun bir-rakkomandazzjoni tal-perit u l-avukat tal-Kunsill.

Fuq din in-nota il-Kunsill qabel li għandu jfakkar lil Polidano Bros dwar il-ftehim, li jsir 450 sqm ta' tarmac flok il-ħlas ta' *tower crane* li kien fi triq it-Torri.

***Ħlas ta' pagamenti***

Il-pagamenti minn ċekk numru 8354 sa 8452 ġew approvati u ffirmati.

3.2 Id-deputat segretarja staqsiet lill-Kunsill jaqblux li jingħata *l-performance bonus* lill-istaff li hu intitolat għalih annwalment fl-aħħar ta' Marzu. Is-Sindku infurmat li dan l-aħħar l-istaff ħadem iżjed b'aktar dedikazzjoni minkejja li s-Segretarju Eżekuttiv kien ilu ma jopera fl-uffiċċju. Il-Kunsill qabel li Stefania Friggieri, Althea Muscat u Graziella Enriquez jieħdu s-6% tal-*performance bonus*. Rigward il-*performance bonus* ta' l-ex Segretarju Eżekuttiv Lino Bartolo għandu jieħu l-5% kif inhu intitolat bil-liġi u l-kumplament għandu jieħdu b'mod proporzjonali sakemm ħadem fl-uffiċċju. Fuq dan il-punt is-Sindku infurmat li għalkemm Stefania Friggieri għaġġixiet ta' deputat segretarju din ma setgħetx titħallas minħabba li s-Sur Bartolo kien għadu *in office*, u l-Kunsill ma setax iħallas żewġ persuni. Infurmat ukoll li din tista titħallas ta' Segretarju Eżekuttiv mill-1 ta' Marzu, 2007 sakemm jidħol Segretarju Eżekuttiv ieħor. Madankollu b' apprezzament il-kunsilliera unanimament qablu li d-differenza tal-*performance bonus* li mhux se jingħata lis-Sur Bartolo għandu jiġi kkompensat lil Stefania Friggieri.

***Korrispondenza***

3.3 Pjanta mis-Sur Carmel Spiteri f'isem *Nazzarenu Street Embellishment* fejn ipproponu kif għandha tiġi din l-area. Il-Kunsill qabel li għandhom jirranġaw pero mhux bil-mod li jintilef il-parkeġġ.

3.4 *Email* mis-Sinjura Grace Borg fejn talbet li *l-loading/unloading bay* li hemm fi Triq Manwel Dimech titneħħa u minnflok ikun hemm post għal tliet karrozzi b'tabella li tindika li karrozzi jistgħu jipparkjaw mhux iżjed minn ħmistax il-minuta. Il-Kunsill qabel li din għandha tintbgħat lill-ADT.

3.5 Talba mis-Sur Renato Vella f'isem *The Eden Foundation* sabiex ikun jista jittella' *The 9th Simon's Pub Music Festival 2007* b'riżq din l-istess fondazzjoni. Din l-attivita' se ssir nhar is-27, it-28, id-29 t'April, 2007, fejn fid-29 t'April, 2007 ikun hemm bżonn li tingħalaq Triq Manwel Dimech (quddiem il-pub). Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li ssir din l-attivita'.

3.6 Talba mis-Sur Jason Cini sabiex tittella attivita' x-Xatt fil-*parking* ta' quddiem il-*Magic Kiosk*, fejn ikun hemm madwar ħamsin karrozza. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni. Is-Sur Cini għandu jitlob permess mill-ADT huwa stess.

3.7 Ittra mis-Sur Preca tal-Lukanda Preluna fejn informa lill-Kunsill u diversi Ministri u Awtoritajiet dwar il-kiosk li se jitpoġġa flimkien ma' *band stand* quddiem il-lukanda. Fuq dan il-punt il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis qal li *l-kiosks* għandhom ikunu ġodda u ta' *standard* u li ma jkollhomx riklami

fuqhom. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Ministru Ninu Żammit, lid-Dipartiment ta' l-Artijiet u l-*Malta Tourism Authority*.

3.8 *Email* mill-*Malta Playing Fields Association* fejn infurmaw lill-Kunsill li dawn se jagħtu parti minn *playing field* lil dawk il-Kunsilli li jitilgħu bil-polza. Staqsew naqblux li nidħlu għal din l-iskema b'kundizzjoni li jekk il-Kunsill jingħata parti għandu jagħmel tabelli li tindika li din ġiet mogħtija minn M.P.F.A. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa.

3.9 Talba mis-Sur Audrick Plum sabiex issir attivita` ta' *Bungee Jumping* fi Qui-si-Sana. Wara diskussjonijiet dwar periklu u storbju tal-mużika, ittieħed vot jekk l-attivita' għandiex issir:
Is-Sindku M. Arrigo, Il-kunsilliera M. Azzopardi u N. Dimech astjenew
Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Aquilina, M. Briguglio, M. Debono u L. Vella ivvotaw kontra
Il-kunsillier J. Galea ivvota favur

3.10 Talba mill-*Cucina Pulita* Restaurant sabiex jagħmlu lattrini pubbliċi x-Xatt fejn il-*kiosk* tiegħu. Il-Kunsill ma qabilx dan. Fuq dan il-punt il-kunsill qabel li lattrini pubbliċi għandhom isiru x-Xatt quddiem il-gabbana ta' l-ADT. Il-Kunsill jipprova japplika mill-*Urban Improvement Funds.*

3.11 Ittra mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fejn ipproponu li ssir funtana għal ġieħ il-Papa Ġwanni Pawlu II fi Triq it-Torri (fejn l-*Ispeedy Garage*). Il-Kunsill qabel ma dan.

3.12 Talba għal għajnuna finanzjara mill-*1st Sliema Scout Group (Bernard's Own)* għall-attivita' *World Scout Jamboree.* Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-attivita` u n-nefqa ma taqbiżx l-ammont ta' Lm50.

3.13 Ittra minn Kummissjoni Festi Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor fejn talbu l-għajnuna sabiex tkun tista tittella l-festa. Fuq dan il-punt il-Kunsill qabel li bħal kull sena jagħti l-ammont ta' Lm500 lil kull parroċċa għall-festi fejn dawn jagħtu lura servizzi ta' marċi.

3.14 Talba għal donazzjoni lill-*Eden Foundation* u *Caritas* għal *running for charity marathon.* Il-Kunsill qabel li għandu jagħti l-ammont ta' Lm25 kull wieħed.

3.15 Ittra minn *Horizons* sabiex il-Kunsill jixtri *DVDs* ta' Ulied Maltin. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan.

3.16 Ittra minn *Merlin Library Ltd* sabiex jiġu ppreżentati xi kotba għall-iskola. Il-Kunsill għandu jistaqsi lill-Iskola Primarja sabiex jaraw jekk dawn il-kotba hux għaddatti jew le.

3.17 Talba mis-Sur Manwel Borg għall-għajnuna finanzjarja sabiex tiġi organizzata maratona bir-roti b'riżq id-Dar tal-Providenza. Il-Kunsill qabel li jagħti Lm25.

3.18 Ittra mill-Korporazzjoni ta' l-Enemalta fejn talbu lill-Kunsill biex meta jkun se jagħmel *road resurfacing* f'xi triq partikolari ninfurmaw lill-korporazzjoni. Il-Kunsill jaqbel kif diġa għamel drabi oħra.

3.19 Applikazzjoni għal *reserved parking* f'isem Awad H. Mohammed Naziah. Inqara rapport mediku. Il-Kunsill ma qabilx li din għandha tingħata.

3.20 Pjanta mill-Perit Anne Casha tal-*Works Division* fejn iddiżinjat proposta kif se tiġi l-i*skateboarding area* (taħt it-Torri). Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

3.21 Talbiet mid-Dipartiment ta' l-Artijiet għall-aktar imwejjed u siġġijiet f'isem Louis Farrugia (Ix-Xatt ta' Tigne ifo Burger King) u Roderick Fenech (Davanti Snack Bar Ix-Xatt ta' Tigne). Talba oħra mill-MEPA għal seba mwejjed u siġġijiet ix-Xatt ta' Tigne f'isem Café San Paolo. Il-Kunsill ma qabilx ma' l-ebda talba minħabba li diġa għandhom.

3.22 Talba mill-MEPA f'isem *Sliema Hotel*, ix-Xatt biex issir alterazzjoni fil-bankina u biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet. Il-Kunsill ma' laqax din it-talba minħabba li diġa hemm.

3.23 *Email* mill-*Malta Tourism Society* fejn staqsew jekk il-Kunsill jaqbilx li jħallas ammont annwali sabiex is-Soċjeta tibgħat l-informazzjoni dwar l-attivitajiet li jkollhom permezz tal-*website*. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan.

3.24 Ittra mill-*Youths @ local Zejtun* fejn talbu lill-Kunsill issibx oġġezzjoni li jipparteċipa f'attivita' li jixtiequ jagħmlu ġewwa Tas-Sliema f'Awissu. Parti minn din l-attivita' hi li ż-żgħażagħ wara *hike* jikkampjaw f'Tas-Sliema. Il-post li ġie ssuġġeriet huwa taħt it-Torri jew l-Exiles. Il-Kunsill ħaseb li għandu jikkollabora għal din l-attivita` b'mod li jipprovdu l-ikel jew affarijiet neċessarji oħra u l-ammont ma jkunx iktar minn Lm100. Il-kunsillier N. Dimech għandu jiltaqa` ma dawn il-parteċipanti għall-aktar dettalji.

**4. Komunikazzjonijiet/mistoqsijiet lis-Sindku/ Segretarju Eżekuttiv**

4.1 Il-kunsillier J. Galea fakkar li l-Kunsill kellu jagħmel xi tip ta' *embellishment* fi Triq Dingli fejn kien hemm it-tliet siġriet. Il-kunsillier M. Debono talab idejat tal-kunsilliera preżenti sabiex ikun jista jiddiżinja l-pjanta neċessarja. Il-Kunsill iddeċieda li f'din l-area għandu jkun hemm dan li ġej:

- Telephone
- Litter bin
- Madwar tliet bankijiet
- Zebra Crossing fuq iż-żewġ naħat (pero għal din irridu niktbu lill-ADT għall-approvazzjoni)
- Dwal
- *Landscaping*
- L-art tkun miksija bit-tiles
- Bollards fuq in-naħa ta' barra

Fuq dan il-punt il-kunsillier J. Galea rrimarka li mill-*Urban Improvement Funding* nistgħu nieħdu l-ammont ta' Lm 9450 u l-Kunsill ħaseb biex dan il-proġett hawn fuq imsemmi, ikun jista jitħallas minn dawn il-fondi. Il-kunsillier J. Galea ġibed l-attenzjoni li nistgħu napplikaw sa' l-aħħar ta' Marzu, 2007. Il-pjanta għandha tiġi ppreżentata fis-seduta tal-Kunsill li jmiss sabiex inkunu nistgħu napplikaw.

4.2 Id-deputat segretarju għaddiet kopja ta' *email* (kopja annessa) ta' kummenti/noti dwar *Siema Beach Embellishment* lil kull kunsillier. Din l-*email* intbgħatet mill-kunsillier M. Briguglio fuq suġġerimenti oħra wkoll. Il-Kunsill qabel li dawn il-kummenti għandhom jintbagħtu lill-Perit Alfred Grech tal-*Malta Tourism Authority* mill-aktar fis.

4.3 Il-kunsillier M. Briguglio ikkumenta dwar l-ammont ta' ħammiem u jekk il-Kunsill għandhux joħroġ tip ta' *bye-laws*. Il-kunsillier L. Vella ġibed l-attenzjoni li jekk il-Kunsill se jieħu xi tip ta' azzjoni għandu jara l-esiġenzi tar-residenti wkoll u l-inkonvenjenzi li qegħdin ibagħtu minħabba l-ħammiem. Il-Kunsill qabel li jekk hemm bżonn issir laqgħa pubblika dwar dan. Il-kunsillier M. Briguglio qal li din se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss ta' sotto kumitat ta' l-ambjent.

4.4 F'isem is-sotto kumitat ta' l-animal welfare, il-kunsillier M. Debono staqsa lill-Kunsill isibx oġġezzjoni li jagħti l-appoġġ meħtieġ lill-membri tas-sotto kumitat, biex ikunu jistgħu jagħtu l-għajnuna meħtieġa lill-animali. Fuq dan il-punt il-kunsill qal li ma jsibx oġġezzjoni li dawn jagħtu l-appogg bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Madankollu, il-Kunsill qabel ukoll li kull membru jibqa responsabbli għal għaġir personali tiegħu.

Fuq dan il-punt il-kunsillier M. Debono ressaq mozzjoni li tgħid:

Is-sotto kumitat ta' l-*Animal Welfare* jingħata l-appoġġ meħtieġ mill-Kunsill Lokali Sliema, sabiex ikun jista jsalva l-annimali li jinsabu barra.

Ġie ssekondat mill-kunsillier M. Briguglio. Il-kunsilliera kollha qablu ma dan. Mozzjoni għaddiet.

Il-membri ta' dan is-sotto kumitat għandhom jiġu l-uffiċċju tal-Kunsill b'ritratt sabiex jingħatalhom *'authorisation card'*

4.5 Il-kunsillier M. Debono talab biex jingħaqad fis-sotto kumitat ta' l-ambjent. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

4.6 Il-kunsillier M. Debono ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li jitwaħħlu żewġ **gates** fis-*Sliema Playing Fields*. Wieħed quddiem l-entratura li jagħti għall-*beach* u ieħor fejn it-taraġ li jagħti għal promenade. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.7 Il-kunsillier M. Debono ssuġġerixxa li għandha issr *sleeping policeman* fin-niżla li tagħti għall-*Exiles* fit-tondjatura. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.8 Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis ġibed l-attenzjoni li għad jonqos li jsiru xi *canopies* fil-Ġnien Indipendenza. Il-Kunsill għandu jiċċekkja mal-MSD dwar dan.

4.9 Il-kunsillier M. Brigulgio staqsa dwar individwu li għandu jagħti Lm26,000 f'ċitazzjonijiet, kif kien hemm indikat f'rapport ta' *Audit* 2005. Il-kunsillier N. Dimech għandu jistaqsi dwar dan fil-laqgħa li jmiss tal-kumitat konġunt tat-tribunal lokali.

***Is-Sindku talbet li jitwaqqfu għal ftit il-komunikazzjonijiet sabiex inkomplu bl-item numru ħamsa. Il-Kunsill qabel ma dan.***

**<u>5. Deċiżjoni għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv</u>**

Id-deputat segretarja għaddiet kopja tar-rapport dwar min applika għal post ta' Segretarju Eżekuttiv (kopja annessa). Wara ttieħed vot kif ġej:

Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis ippropona lis-Sur Josef Grech minn-Naxxar. Ġie ssekondat mill-Kunsillier L. Vella.

Is-Sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Azzopardi, M. Briguglio, M. Debono, N. Dimech u J. Galea ivvotaw favur.

Il-kunsilliera M. Aquilina astjeniet.

Is-Sur Josef Grech ġie maħtur bħala Segretarju Eżekuttiv.

***Is-seduta kompliet b'item numru 4 ta' l-Agenda***

*Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis telaq fis-7.15pm*

4.10 Il-kunsillier L. Vella informa li kellu laqgħa ma' Dr Anthony Vella dwar arti moderna. Qal li din l-arti tista tkun matul il-promenade u li din tista tibda b'mod temporanju u nimxu skond kif tmur din l-attivita. Il-kunsill qabel li għandna nitolbu l-kollaborazzjoni tal-Ministeru tat-Turiżmu wkoll. F'kaz li din tiġi b'mod temporanju għandha naraw napplikawx mill-EU Funds.

*Il-kunsillier M. Briguglio telaq fis-7.20pm*

4.11 Il-kunsillier L. Vella staqsa jekk il-Kunsill issibx oġġezzjoni li l-attivita' ta' l-Għid (li kienet issemiet f'seduta oħra), ssir ġewwa t-teatru tas-Salesjani. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

4.12 Fuq talba tal-kunsillier L. Vella l-Kunsill qabel li r-rampa li saret fi Triq Carmel ma' Triq San Piju V tiġi ċċekjata mill-Perit tal-Kunsill minħabba li kif inhi bħalissa hija perikoluża.

4.13 Il-kunsillier L. Vella staqsa meta se jsir ix-xogħol fi Triq it-Torri (bejn il-Pjazzetta u Joinwell). Is-Sindku rrimarkat li l-ADT infurmawna li din se tibda wara li jitlesta l-proġett f'Għar id-Dud.

4.14 Il-kunsillier M. Debono qal li hemm żewġ ħofor li huma perikolużi waħda x-Xatt (quddiem Tony's bar) u l-oħra fi Triq Rudolfu (fejn il-post office).

4.15 Il-kunsillier M. Debono qal li hemm bżonn li jsiru linji sofor fil-kantuniera ta' Pjazza Dingli (quddiem *Amigos*) minħabba li qiegħed ikun hemm van fl-istess kantuniera, u qiegħed joħloq periklu għat-traffiku.

4.16 Il-kunsillier M. Debono rrimarka dwar l-iżvilupp ta' lukanda li se jsir flok id-djar fi Triq Melita ma Triq Santa Margerita. Il-kunsillier M. Debono ppropona li l-Kunsill m'għandux jippermetti li jsiru żviluppi ta' lukandi jew *guesthouses* flok id-djar. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.17 Fuq dan il-punt il-kunsillier M. Debono ressaq proposta li tgħid :

Li m'għandhomx isiru iżjed proġetti kbar (bħal per eżempju PA 6269/06 fi Triq Milner ma' Ġuże Howard), ġewwa Tas-Sliema minħabba li dawn l-iżviluppi qegħdin joħolqu aktar problemi ta' parkeġġ, konġestjoni fit-toroq, ambjentali u ta' saħħa.

Ġie ssekondat mill-kunsilliera M. Aquilina.

Is-Sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Azzopardi, N. Dimech ivvutaw kontra
Il-kunsilliera J. Galea u L. Vella astjenew

Il-proposta m'għaddietx.

Il-kunsillier N. Dimech ressaq kontra proposta li tgħid :

Li l-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni għal kull proġett b'mod individwali għax kull każ huwa differenti.

Ġie ssekondat mis-Sindku M. Arrigo

Il-kunsilliera M. Azzopardi, J. Galea u L. Vella ivvotaw favur
Il-kunsilliera M. Aquilina u M. Debono astjenew

Il-proposta għaddiet

4.18 Il-kunsilliera M. Aquilina ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jivverifika mal-MEPA meta jintalab xi permess miċ-Ċentru ta' San Girgor.

4.19 Id-deputat segretarja nfurmat li l-librara, f'isem ir-residenti talbet lill-Kunsill biex jixtru set ta' enċiklopedia bħal ta' kullana kulturali. Il-Kunsill ma qabilx minħabba li set sħiħ jiġi jiswa ħafna flus.

**6. Parkeġġ għar-residenti (RPZ)**

Il-Kunsill iddeċieda li dan is-suġġett jiġi diskuss fl-laqgħa individwali. Ġie deċiż li din issir nhar il-Ħamis 8 ta' Marzu, 2007 fl-4.30pm il-Kunsill.

**7. Proġett f'Tas-Sliema bl-għajnuna tal-MTA**

Dan is-suġġett se jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

**8. Approvazzjoni ta' *bye-laws* dwar *catering establishments***

Id-deputat segretarja qassmet kopja ta' *draft* ta' dawn il-*bye-laws* (kopja annessa) lill-kunsilliera preżenti. Din se tiġi diskussa fis-seduta li jmiss.

**9 . Affarijiet Oħra**

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

Is-seduta ngħalqet fit-8pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal 21 ta' Marzu, 2007 fl-4.30pm.

**Stefania Friggieri**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**